**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L- ERBGHA, 31 TA' OTTUBRU, 2001**

**Numru: 6**

**Avviz Nru: 852/01 AE**

**Edmond Barbara**

**Vs**

**Raymond Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erbgha mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija (Lm424) in kwantu ghal Lm414 import ta' kambjalijiet skaduti u mhux imhallsa u inkwantu ghal Lm10 bhala spejjez legali tal-15 ta' Mejju 2001 u ta' l-20 ta' Marzu 2001.

Semgha lill-attur jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra l-kambjali li gew ezebiti mill-attur.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx fis-seduti tas-26 ta' Ottubru 2001 u dik tal-31 ta' Ottubru 2001, kif ukoll ma kkontestax it-talba tal-attur fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal qieghed jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' erbgha mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija (Lm424) kif fuq inghad.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri (inkluz id-drittijiet legali) ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**